

Brussell, 15 ta' Jannar 2018
(OR. en)

15721/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0295 (NLE)

VISA 455
COEST 351
JAIEX 116

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Komitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni
fil-Komitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi stabbilit skont il-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Repubblika tal-Ażerbajġan
dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi
fir-rigward tal-adozzjoni
tar-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/242/UE tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi¹,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 128, 30.4.2014, p. 47.

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' vizi¹ (“il-Ftehim”) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2014.
- (2) Il-Ftehim jipprevedi t-twaqqif ta' Kumitat Konġunt għall-ġestjoni tal-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt"). Il-Kumitat Konġunt għandu, fost l-oħrajn, il-kompitu li jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Ftehim.
- (3) Il-Ftehim jistipula li l-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (4) Għalhekk ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE²; għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħ u sehem fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

¹ ĠU L 128, 30.4.2014, p. 49.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 meġju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

- (6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹; għalhekk l-Irlanda mhix qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru .../2018
TAL-KUMITAT KONĠUNT DWAR IL-FAĊILITAZZJONI TAL-VIŻI
STABILIT SKONT IL-FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U R-REPUBBLIKA TAL-AŻERBAJĠAN
DWAR IL-FAĊILITAZZJONI TAL-ĦRUĠ TA' VIŻI

ta'

fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUMITAT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi (“il-Ftehim”), u b’mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Billi dak il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Presidenza

Il-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi ("il-Kumitat Konġunt") għandu jkollu presidenza konġunta minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u rappreżentant tar-Repubblika tal-Ażerbajġan.

Artikolu 2
Kompiti tal-Kumitat Konġunt

1. F'konformità mal-Artikolu 12(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jkollu, b'mod partikolari, il-kompiti li ġejjin:
 - (a) li jagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim;
 - (b) li jissuġġerixxi emendi jew żidiet għal dan il-Ftehim;
 - (c) li jirriżolvi tilwimiet li jqumu mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-Ftehim.
2. Il-Kumitat Konġunt jista' jilħaq ftehim dwar rakkommandazzjonijiet li jkun fihom linji gwida jew l-aħjar Prattiki biex jassistu fl-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 3

Laqgħat

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kull meta jkun meħtieġ, fuq talba mill-Partijiet u mill-anqas darba fis-sena.
2. Il-Partijiet għandhom jospitaw il-laqgħa, darba kull wieħed, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor.
3. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom jissejħu mill-Kopresidenti.
4. Il-Kopresidenti għandhom jistabbilixxu data għal-laqgħa u jiskambjaw tali dokumenti kif ikun meħtieġ fil-ħin biex jiżguraw preparazzjoni xierqa 30 jum qabel il-laqgħa.
5. Il-Parti li tospita laqgħa għandha tagħmel l-arranġamenti neċessarji fir-rigward tal-aspetti loġistiċi.

Artikolu 4

Delegazzjonijiet

Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar il-kompożizzjoni intenzjonata tad-delegazzjoni tagħhom mill-inqas sebat ijiem qabel laqgħa.

Artikolu 5
Aġenda għal-laqqgħat

1. Għandha titħejja aġenda proviżorja għal kull laqqgħa mill-Kopresidenti mhux aktar tard minn 14-il jum qabel il-laqqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li dwarhom tkun waslet talba għal inklużjoni fl-aġenda għand wieħed mill-Kopresidenti sa mhux aktar tard minn 14-il jum qabel il-laqqgħa.
2. Kull Parti tista' żżid punti mal-aġenda proviżorja fi kwalunkwe ħin qabel il-laqqgħa jekk il-Parti l-oħra taqbel ukoll. Talbiet biex jiżdiedu punti mal-aġenda proviżorja għandhom jintbagħtu bil-miktub u għandhom jiġu inklużi sakemm dan ikun possibbli.
3. L-aġenda finali għandha tiġi adottata mill-Kopresidenti fil-bidu ta' kull laqqgħa. Punt li ma jkunx jidher fuq l-aġenda proviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu u għandu jiġi indirizzat sa fejn dan ikun possibbli.

Artikolu 6
Minuti tal-laqqgħat

1. Abbozz tal-minuti għandu jitħejja fl-iqsar żmien possibbli mill-Kopresident tal-Parti li tospita l-laqqgħa.

2. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jindikaw dan li ġej fir-rigward ta' kull punt fuq l-aġenda:
 - (a) id-dokumentazzjoni mressqa lill-Kumitat Konġunt;
 - (b) l-istqarrijiet li Parti tkun talbet li jiddaħħlu; u
 - (c) id-deċiżjonijiet li jittieħdu, ir-rakkomandazzjonijiet li jsiru u l-konklużjonijiet adottati rigward punt speċifiku.
3. Il-minuti għandhom jindikaw l-individwi tad-delegazzjonijiet parteċipanti rispettivi, kif ukoll il-ministeru, l-aġenzija jew l-istituzzjoni li jkunu qed jirrappreżentaw.
4. Il-minuti għandhom jiġu approvati mill-Kumitat Konġunt fil-laqgħa tiegħu li jkun imiss.

Artikolu 7

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet bi ftehim taż-żewġ Partijiet.
2. Kull deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandu jkollhom it-titolu 'Deċiżjoni' segwit b'numru tas-serje u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħha. Id-data li fiha d-deċiżjoni tidħol fis-seħħ għandha tkun indikata wkoll. Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu ffirmati mir-rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt li huma awtorizzati jaġixxu f'isem il-Partijiet. Id-deċiżjonijiet għandhom jitħejjew idduplikati, fejn kull kopja tkun ugwalment awtentika.
3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 8

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż li hi ġġarrab minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sussistenza tal-persunal u l-ispejjeż tal-posta jew tat-telekomunikazzjoni.
2. Spejjeż oħrajn relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandhom ikunu koperti mill-Parti li tospita l-laqgħa, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor.

Artikolu 9

Proċeduri amministrattivi

1. Sakemm il-Kumitat Konġunt ma jiddeċidix mod ieħor, il-laqgħat tiegħu ma għandhomx ikunu pubbliċi.
2. Il-minuti u d-dokumenti l-oħrajn tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu meqjusa bħala kunfidenzjali.
3. Parteċipanti li mhumiex uffiċjali tal-Partijiet u tal-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna bi ftehim bejn iż-żewġ Koprofidenti u għandhom ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti ta' kunfidenzjalità.
4. Il-Partijiet jistgħu jorganizzaw laqgħat ta' informazzjoni pubbliċi jew inkella jikkomunikaw ir-riżultati tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi lil membri tal-pubbliku li jkunu interessati.

Artikolu 10
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika tal-Ażerbajġan

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
TAL-UNJONI EWROPEA U TAR-REPUBBLIKA TAL-AŻERBAJĠAN
ANNESSE MAR-REGOLI TA' PROĊEDURA
TAL-KUMITAT KONĠUNT DWAR IL-FAĊILITAZZJONI TAL-VIŻI
STABBILIT SKONT IL-FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U R-REPUBBLIKA TAL-AŻERBAJĠAN
DWAR IL-FAĊILITAZZJONI TAL-ĦRUĠ TA' VIŻI

Sabiex jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-Ftehim issir b'mod kontinwu, armonjuż u korrett, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan għandhom jagħmlu kuntatti informali bejn il-laqgħat formali tal-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi, sabiex jittrattaw kwistjonijiet urġenti. Fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi, ser isir rapport dwar dawk il-kwistjonijiet u l-kuntatti informali.
